MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1407/2004

**GasanMamo Insurance Limited C-3143 kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Maria Muscat**

**vs**

**Michael Scicluna**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Lulju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u hamsa u hamsin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm655.50) rapprezentanti danni li sofrew l-atturi, u dana in kwantu ghas-somma ta' Lm640.50 lis-socjeta' assikurattrici attrici u nkwantu ghas-somma ta' Lm25.00 lill-attrici, Maria Muscat, meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru LAF 659 fis-26 ta' Jannar, 2004 gewwa l-Imgarr habat mall-vettura numru SUE 031 propjeta' ta' Maria Muscat, u misjuqa**

**minn Susan Muscat, u kkaguna danni f'din l-istess vettura.**
**Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-parir (Lm15.00) u ta' ittra ufficjali datata 22 ta' April, 2004 kontra l-konvenut u ta' ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, bl-imghax kontra l-istess konvenut mid-data ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' April, 2004 notifikata fit-30 ta' April 2004 li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fit-3 ta' Settembru, 2004 fejn intqal illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi l-incident awtomobilistiku mertu ta' din il-kawza sehh unikament b'rizultat ta' negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti da parte tas-sewwieq tal-karozza SUE 031 propjeta' ta' Maria Muscat, u ghaldaqstant il-konvenut Michael Scicluna qatt ma**
**jista' jigi ddikjarat responsabbli ghal dan l-incident, u dan ghar-ragunijiet li ser jirrizultaw ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata fil-21 ta' Mejju 2004 kontra l-atturi.**

**Semgha x-xhieda ta' PS 445 Emmanuel Sammut, Susan Muscat, Michael Scicluna. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti. Semgha lill-avukati tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Il-kawza tirrigwarda kollizzjoni illi sehhet fis-26 ta' Jannar, 2004 gewwa l-Imgarr, anzi precizament fil-pjazza ta' l-Imgarr. Il-vetturi nvoluti fil-kollizzjoni huma l-vettura bin-numru SUE 031 misjuqa minn Susan Muscat u l-vettura LAF 659 misjuqa mill-konvenut.**

**2. Jirrizulta illi Susan Muscat kienet qed issuq fi Triq il-Kbira biex tmur lejn Triq Fisher. Hi bdiet taqsam lejn il-lemin meta f'daqqa wahda hareg il-konvenut mill-lemin u saret il-kollizzjoni. Muscat rat lill-konvenut l-ewwel darba mal-habta.**

**3. Il-konvenut kien ipparkjat quddiem iz-zuntier tal-knisja, dahru lejn il-knisja u ried imur fid-direzzjoni tat-Triq Sir Harry Luke. Biex jaghmel hekk il-konvenut meta ghal nofs il-pjazza, hares kif ighid hu fuq iz-zewg nahat tieghu, u lil Muscat ma rahiex gejja.**

**4. Huwa evidenti illi sija minn kif spiccaw il-vetturi u sija mid-danni subiti fil-vetturi illi l-ebda wahda mill-vetturi ma kienet ghaddejja b'velocita'. Il-konvenut kien ser jaqsam linja tat-traffiku, cioe' l-linja tat-traffiku li tkun gejja minn Triq il-Kbira. Il-konvenut kellu obbligu illi jara illi setgha jaghmel din il-manuvra minghajr ma jkun ta' ostakolu ghat-traffiku li jkun gej.**

**5. It-Tribunal jinnota illi l-konvenut kif kien parkeggjat kellu zewg alternattivi. L-ewwel wahda kienet dik illi jdur ghal fuq il-lemin tieghu u jdur madwar il-knisja biex b'hekk ma jaqta' l-ebda linja tat-traffiku. L-alternattiva l-ohra kienet dik li jibqa' hiereg dritt minn quddiem iz-zuntier tal-knisja ghal Triq Sir Harry Luke, manuvra li evidentement kienet tikkomporta fuqu li jkunu aktar deligenti.**

**6. Muscat ghalkemm kienet harget minn Triq il-Kbira u kienet gia fil-pjazza kellha obbligu illi tara dak kollu li hemm madwarha. Huwa evidenti illi din ma pprestatx bizzejjed attenzjoni tant li ndunat bil-konvenut biss meta sehhet il-kollizzjoni. F'dan ir-rigward l-sketch dokument B huwa spjegattiv hafna, sija dwar kif sehh l-incident kif ukoll fejn kellhom il-hsara l-vetturi.**

**7. It-Tribunal jikkonkludi illi peress illi kien jispetta l-konvenut jagixxi b'aktar diligenza, tenut kont tal-manuvra li ried jaghmel dan ghandu jigi ritenut responsabbli fil-grad ta' tlett kwarti filwaqt illi kwart mit-tort qed jigi attribwit lil Susan Muscat.**

**8. Id-danni jinsabu pruvata skond id-dokumenti esebiti a Fol 10 sa 13 tal-process u dana fl-ammont reklamat. In kwantu l-konvenut hu biss responsabbli biss fi grad ta' tlett kwarti jigi li hu ghandu jhallas lis-**

**socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u wiehed u disghin lira u tnejn u sittin centezmu (Lm491.62).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed isib lill-konvenut responsabbli fi grad ta' tlett kwarti ghal kollizzjoni li sehhet u konsegwentement jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u wiehed u disghin lira u tnejn u sittin centezmu (Lm491.62) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-30 ta' April, 2004.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanzi, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' April, 2004 u ta' ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal tlett kwarti mill-konvenut u kwart mis-socjeta' attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------